MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2011

Talba Numru. 419/2011

**Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited – C-8694**

**vs**

**Anna Caruana**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet illi l-konvenuta ghandha tigi ordnata thallas lill-istess socjeta’ attrici s-somma ta’ disa’ mija disgha u disghin Ewro (€999.00), rapprezentanti kwantu ghal tmien mija u tnejn u tmenin Ewro (€882.00) prezz ta’ merkanzija mibjugha u kkonsenjata lilha, u kwantu ghal mija u sbatax il-Ewro (€117.00) prezz ta’ freezer.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 25 ta’ Novembru 2009, oltre hamsin Ewro (€50.00) tal-konsulta, kontra l-konvenuta illi hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill- konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' disa' mija disgha u disghin Ewro (€999.00), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------